# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-31 ta' Mejju, 2017**

**Rikors Numru 269/2009 SM**

**Dr. Matthew Brincat bhala mandatarju specjali tal-assenti Kaptan Said El Sakka passaport Egizzjan numru 1299734**

**vs.**

**Il-Bastiment LAMBUSA II numru ufficjali 711182 ta' bandiera Limassol Cipru ta' tul 23 metru u 93 tonnes tunellagg**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-18 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi r-rikorrenti u l-ekwipagg tieghu kienu impjegati bhala bahrin fuq il-bastiment tas-sajd intimat;

1.2. Illi l-istess rikorrenti u ekwipagg offrew servizzi u qdew dmirijiet varji fuq l-istess bastiment intimat waqt li dan kien jinsab Malta;

1.3. Illi ghal dan huma kienu dovuti pagi kif stipulati mis-sidien u l-agent tal-istess bastiment;

1.4. Illi l-pagamenti *de quo* kienu dovuti ghax-xhur ta' Novembru u Dicembru, 2008, u Jannar u Frar, 2009, fl-ammont komplessiv ta' wiehed u ghoxrin elf u disa' mitt euro, (€21,900.00);

1.5. Illi ghalkemm promessi diversi drabi, l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti ma thallasx;

1.6. Illi ghalhekk il-bastiment intimat hu kreditur tal-ammont fuq indikat, rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' pagi dovuti lir-rikorrenti *nomine*;

1.7. Illi ghalkemm il-bastiment intimat kien interpellat diversi drabi biex ihallas l-ammont minnu dovut, dan baqa' inadempjenti;

1.8. Illi fis-27 ta' Frar, 2009, inhareg mandat t'arrest fil-konfront tal-bastiment intimat, (ara foll 4);

1.9. Illi dan id-dejn hu cert, likwidu u dovut;

1.10. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex il-bastiment intimat jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.10.1. Tiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti *nomine* bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *a tenur* tal-artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.10.2. Tikkundanna lill-bastiment intimat, ihallas lir-rikorrenti *nomine* is-somma ta' €21,900.00 bilanc minn pagi dovuti ghas-servizzi u xoghol tar-rikorrenti fuq il-bastiment intimat fuq inkarigu tieghu;

1.10.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat s-26 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu stradat lill-partijiet fil-procedura li kellhom jadottaw, (ara foll 8);

3. Rat id-digriet sussegwenti taghha wkoll diversament preseduta datat is-7 t'Ottubru, 2009, li permezz tieghu, wara li semghet lix-xhud hemm indikat, iddekretat li l-bastiment intimat ghandu eccezzjonijiet x'jipprezenta u awtorizzat lill-istess biex jippresenta risposta fit-terminu hemm indikat, (ara foll 20);

4.0. Rat ir-risposta guramentata tal-bastiment intimat datata s-27 t'Ottubru, 2009, li permezz tieghu irrisponda sintetikament bil-mod segwenti, (ara foll 24);

4.1. Illi l-ammont pretiz gie mhallas ferm qabel ma gew inizzjati l-proceduri odjerni;

4.2. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti *nomine* ghandhom jigu respinti;

4.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti *nomine*;

4.4. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-21 t'Ottubru, 2010, li permezz tieghu appuntat lill-assistent gudizzjarju hemm indikat, (ara foll 53);

6.0. Rat id-digriet tal-istess qorti kif indikata fil-paragrafu precedenti datat l-10 ta' Mejju, 2011, fejn wara li irrilevat li fil-kawza ma kien deher hadd, (ara foll 70):

6.1. Irrevokat l-inkarigu tal-assistent gudizzjarju fuq riferit, u

6.2. Ikkancellat il-kawza;

7. Rat id-digriet sussegwenti tal-istess qorti kif fuq riferita datat il-21 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu wara rikors appozitu tar-rikorrenti *nomine*, datat it-13 ta' Mejju, 2011, (ara foll 73),

irriappuntat l-istess procedura ghall-kontinwazzjoni fid-data hemm indikata, (ara foll 74);

8. Rat il-verbal datat it-8 ta' Marzu, 2012, li permezz tieghu ordnat lill-istess assistent gudizzjarju biex jidher u jinforma lill-qorti jekk il-provi ingabrux, (ara foll 80);

9. Rat id-digriet taghha kif fuq indikata datat l-4 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu ssosstitwiet lill-assistent gudizzjarju precedentement nominat, (ara foll 100);

10. Rat in-nota tal-assenjazzjoni datata l-10 ta' Jannar, 2013, li permezz taghha l-procedura odjerna giet assenjata lil din il-qorti kif preseduta, (ara foll 108);

11. Rat r-relazzjoni peritali datata s-6 ta' Dicembru, 2016, (ara foll 229);

12. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat iz-17 ta' Jannar, 2017, li permezz tieghu, wara rikors appozitu tal-bastiment intimat, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 302), u kif sussegwentement estiza, (ara foll 301, 302 u 305);

13. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti *nomine* datata t-28 ta' Frar, 2017, (ara foll 303), flimkien ma dik tal-bastiment intimat datata t-18 ta' Mejju, 2017, (ara foll 307);

14. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

15. Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha kif issa preseduta;

16. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti *nomine* u hadet in konsiderazzjoni il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-bastiment intimat li ghazel li jistrieh fuq in-nota minnu sottomessa;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi l-procedura odjerna tista' tigi sintetikament riassunta bil-mod segwenti:

17.1. Illi r-rikorrenti *nomine* qed jitlob l-ammont ta' €21,900.00 mill-bastiment intimat ghas-servizzi u xogholijiet varji prestati mill-kaptan u l-ekwipagg tal-istess vapur ghax-xhur fuq indikati, (ara paragrafu wiehed punt erbgha, (1.4.), aktar qabel);

17.2. Illi min-naha tieghu l-bastiment intimat isosstni li *stante* li sar pagament minnhu, allura m'ghandu jaghti xejn lill-kaptan u lill-ekwipagg;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi fir-relazzjoni taghha, l-abbli perit legali nominata sintetikament irrilevat is-segwenti, (ara foll 242 *et sequitur*):

18.1. Illi l-eccezzjoni sollevata mill-bastiment intimat timponi l-obbligu li l-istess intimat jaghmel il-prova tal-allegazzjoni tieghu li gia' hallas lir-rikorrenti *nomine*, (ara ***Franz Mifsud noe vs. Francis Montanaro***, datata l-***4 ta' Dicembru, 1998***, mill-**Qorti tal-Appell**);

18.2. Illi skont ir-rikorrenti *nomine* id-dokumenti pprezentati mill-intimat, (ara foll 243):

18.2.1. Mhumiex dokumenti originali;

18.2.2. Illi l-firma li hemm tal-Kaptan mhix tieghu;

18.2.3. Illi in effetti, l-istess dokumenti huma foloz;

19. Illi mill-i*statements* bankarji prodotti mill-intimat l-unici rilevanti huma dawk tat-2 ta' Frar, 2009, u tal-1 t'April, 2009, (ara foll 244);

20. Illi l-bicca l-kbira tal-i*statements* bankarji pprezentati in atti mir-rapprezentant tal-bastiment intimat huma irrilevanti, (ara foll 246);

21. Illi l-unika ricevuta li tista' tigi acettata hi dik a foll 98 fejn jirrizulta li l-Kaptan involut ircieva l-ammont ta' €780.00 mis-salarju lilhu dovut ghax-xahar ta' Novembru, li kien ta' €6,200.00;

22. Illi minn analizi tal-provi prodotti l-intimat ma irnexxilux jipprova li effettivament ghamel il-pagamenti minnhu alegati, (ara foll 247);

23. Illi *di piu`*, ghalkemm l-intimat allega li ittermina l-kuntratt tal-Kaptan, ma ressaq l-ebda prova fir-rigward, (ara foll 247);

24. Illi l-prova tal-pagament allegata mill-intimat ma tirrizultax sal-grad rikjest mill-ligi, (ara foll 247);

25.0. Illi l-istess abbli perit gudizzjarju wasslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet, (ara foll 248):

25.1. Illi r-risposti tal-intimat ghandhom jigu respinti;

25.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti *nomine* ghandhom jigu akkolti, u konsegwentement:

25.3. Il-bastiment intimat ghandu jigi ikkundannat ihallas lir-rikorrenti *nomine* l-ammont ta' €21,900.00, bilanc fuq pagi dovuti ghas-servizzi u xoghol tal-Kaptan u tal-ekwipagg fuq il-bastiment intimat;

Ikkunsidrat:

26. Illi din il-qorti m'ghandha xejn x'ticcensura fl-operat tal-abbli perit legali u konsegwentement taghmel taghha l-analizi u konkluzjonijiet li wasslet ghalihom l-istess perit gudizzjarju;

27. Illi fid-dawl tal-istess issir riferenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Paul u Joanne konjugi Gauci vs. Domenic u Maria konjugi Farrugia***, datata id-***29 ta' Mejju, 2014***, li rriteniet f'dan ir-rigward li:

> "... fid-dubbju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx jekk ma jigix pruvat b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt";

Ikkunsidrat:

28. Illi mill-analizi suriferit kif riprodott mill-abbli perit legali *de quo* jirrizulta abbundantement assodat li l-intimat, ghalkemm jallega li effettwa l-pagament minnhu dovut – haga verament facli – pero` jonqos li jipprova l-istess allegazzjoni li hu effetwa l-pagament dovut sal-grad li trid il-ligi;

29. Illi ghalhekk l-ewwel risposta guramentata tal-intimat ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

30.1. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lir-rikorrenti *nomine* is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf u disa' mitt euro, (€21,900.00), bilanc ta' pagi dovuti ghas-servizzi u xoghol tar-rikorrenti fuq il-bastiment intimat fuq inkarigu tal-istess intimat;

30.2. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-istess bastiment rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**